A.L. 233 ta' l-2002

ATT TA' L-2001 DWAR LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (ATT NRU. XXVII TA' L-2001)

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li Jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(1) ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali wara konsultazzjoni mal-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi, u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34(2) ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li Jeħtieġu Permess mill-Kunsilli Lokali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Attivitajiet li Jeħtieġu Permess mill-Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 119 ta' l-2002.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Awissu, 2002.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali fit-tifsir tal-kelma "triq" minnufih wara l-kliem "bil-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija" għandhom jidħlu l-kliem ", iżda għandhom ikunu esklużi mollijiet jew żoni oħra pubbliċi ma' xatt il-baħar meta dawn ikunu qed jiġu wżati minn sajjieda reġistrati għall-użu tas-sajd u, jew għall-manutenzjoni temporanja jew urġenti ta' opri tal-baħar li jkollhom liċenza mill-awtorità kompetenti għal skopijiet ta' sajd".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament 5(2)(i) minflok il-kliem "il-posta tal-bejjiegħ:" għandhom jidħlu l-kliem "il-posta tal-bejjiegħ, b'dan iżda li meta jpinġi s-sinjali, il-Kunsill Lokali għandu jieħu ħsieb li biswit kull spazju jkun hemm spazju biżżejjed ta' mhux aktar minn 2.5m b'6m biex jintrama t-tilar mal-vettura.

Emendi ta' Skeda C li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

4. Fil-paragrafu 4 ta' Skeda C li tinsab mar-regolamenti prinċipali:–

(a) minflok il-kliem "għal kull biċċa makkinarju bħal dik" għandhom jidħlu l-kliem "għal kull sit fejn ikun jinsab makkinarju bħal dak"; u

(b) minflok il-kliem "Lm10" għandhom jidħlu l-kliem "Lm1".